**13 ta' Mejju, 1961**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija
*versus*
E/L25606 Leading Steward Victor Dalmas

**Prova — Identifikazzjoni tal-Imputat — Att tat-Twelid — Attentat Vjolent għall-Pudur — Art. 644, 216, 222, u 23 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Hu ċertament deżiderabbli illi l-identifikazzjoni tal-imputat issir bla ma dak li jkun imsejjaħ biex jidentifika jiġi b'xi mod, anki involontarjament, suġġestjonat; u hi nota l-prattika rakkomandata f'ċerti każijiet, fis-sens li f'identifikazzjoni simili, meta jkun jeħtieġ, jinġabru xi persuni, pjù o meno tal-istess età u klassi soċjali tad-detenut, li jkun jista' jieħu post fejn irid fosthom. Iżda, biex issir il-prova tal-identità tal-persuna li għandha tiġi magħrufa, mhux meħtieġ, bħala regola, li x-xhud jagħraf dik il-persuna minn fost persuni oħra, ħlief meta l-Qorti, f'xi każ partikulari, ikun jidhrilha xieraq tagħmel dan għall-finijiet tal-ġustizzja.*

*Meta l-vittima ta' attentat vjolent għall-pudur tirrakkonta f'hix kienu jikkonsistu l-atti kostitwenti l-attentat, il-Qorti ma tistgħax iżżid ma' dak li qalet il-vittima dak li persuna oħra tgħid li kienet qalitulha l-istess vittima immedjatament wara l-fatt; u għalhekk l-atti nkriminati għandhom jitqiesu li kienu kif iddeskrivietħom il-vittima.*

*L-aħjar prova tal-età tal-vittima ta' attentat vjolent għall-pudur hija l-att tat-twelid, u jkun aktar regolari li din il-prova ssir bil-produzzjoni ta' dak l-att; imma dan in-nuqqas ma jġibx għal nuqqas ta' prova li l-vittima hija taħt l-età, meta dan jirriżulta miċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ.*

*Il-benefiċċju tal-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali ma għandux jingħata indiskriminatament, imma wara li jitqiesu n-natura u ċ-ċirkustanzi tar-reat; jiġifieri, in linea ta' massima, u*

*salvi xi każijiet eċċezzjonali diffiċilment prevedibbli, illi dak il-benefiċċju għandu jingħata meta jkun hemm xi ċirkustanzi li ma jammontawx, "stricto jure", għall-attenwanti jew dirimenti legali, eppure, taħt aspett ieħor, mhux legali, ikda "commiserationis causa", jistgħu talvolta jinduċu lill-Qorti li tittempera r-rigur tal-liġi.*

Il-Qorti:— Rat l-atti kompilati quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti Istruttorja kontra Victor Dalmas, fuq l-imputazzjoni talli l-Imsida, fil-5 ta' Jannar 1961, għal xi l-4.30 p.m., b'għemil żieni kkorrompa lil Janette Eileen Schindler, persuna li għadha ma għalqetx l-età ta' tnax il-sena;

Rat in-nota tal-Attorney General tal-14 ta' Frar 1961, li bija l-imsemmijin attijiet ġew mibgħuta lura lill-Qorti fuq imsemmija bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ħalli tiddeċidi dwar ħtija ta' kompetenza tagħha taħt dak li hemm maħsub fl-art. 222, 216(g) u 538(c) proviso tal-Kodiċi Kriminali;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-21 ta' Marzu 1961, li biha sabet lill-imsemmi Victor Dalmas ħati ta' attentat vjolent għall-pudur kommess fuq il-persuna ta' Janette Schindler, persuna li ma għalqetx id-disgħa snin, f'post publiku jew espost għall-publiku, u wara li ħadet in konsiderazzjoni l-fatti, ċjoè li dan huwa l-ewwel delitt tiegħu, il-kondotta tajba tiegħu fis-servizz, u ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, ikkundannatu għall-piena tal-priġunerija għal żmien tliet xhur;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Id-Difiża sostniet li l-provi ma jaslux biex juru li l-bniedem li ġie allegat li ddiporta ruħu turpement ma' Janette Schindler kien l-appellant;

Is-Surġent Mangion, fol. 17 tergo, xehed li fl-Għassa t-tifla identifikat lill-imputat. Dan ix-xhud reġa ġie msejjaħ minn din il-Qorti sabiex jiġu kjariti ċ-ċirkustanzi ta' din l-identifikazzjoni, u rriżulta, minn din it-tieni xhieda, li lit-tifla, li kienet f'kamra tal-Għassa fejn kien qed jiġi nvestigat l-inċident, ġie muri, attraverso bieb imbexxaq, l-imputat, li kien ġewwa kamra oħra;

Din il-Qorti ma hix sejra tagħti piż għal din l-identifikazzjoni. L-esklużjoni ta' din iċ-ċirkustanza ma hix, però, bażata fuq ir-rifless li, kif argumentat id-Difiża, kien imissha saret dik li tissejjaħ "identification parade", sabiex wieħed jara liema minn dawk li jkunu skjerati quddiemha għall-identifikazzjoni jiġi sinjalat mit-tifla. Hu ċertament deżiderabbli li l-identifikazzjoni ssir bla ma dak li jkun imsejjaħ biex jidentifika jiġi b'xi mod, anki involontarjament, suġġestjonat; u hi nota l-prattika rakkomandata f'ċerti każijiet, fis-sens li f'identifikazzjonijiet simili, meta jkun jeħtieġ, jinġabru xi persuni, pjù o meno talistess età u klassi soċjali tad-detenut, li jkun jista' jieħu post fejn irid fosthom (ara Questions and Answers on Police Duties, Moriarty, Butterworth 1936 edition, Quest. 26, p. 40). Iżda, fl-art. 644 tal-Kodiċi Kriminali, il-liġi tagħna tgħid:— "Biex issir il-prova tal-identità ta' persuna li għandha tiġi magħrufa...... mhux meħtieġ, bħala regola, li x-xhud jagħraf dik il-persuna minn fost persuni oħra...... ħlief meta l-Qorti, f'xi każ partikulari, ikun jidhrilha xieraq tagħmel dan għall-finijiet tal-ġustizzja". Inveċe, din il-Qorti qegħdha teskludi dik iċ-ċirkustanza peress li t-tifla, meta xehdet, qalet li hi ma tagħrafx lill-appellant, u b'hekk żvalorizzat hija stess l-identifikazzjoni li ssemmiet fix-xhieda tas-Surġent Mangion;

B'dan kollu, jirriżulta soddisfaċentement li kien l-imputat li għamel attijiet ta' libidini għad-dannu ta' Janette Schindler. Jirriżulta, infatti, inkontestabbilment...... Din il-konkatenazzjoni tistabbilixxi bla dubju li kien l-appellant li ddiporta ruħu diżonestament ma' Janette Schindler. Il-preteża tiegħu li kien hemm ħadd ieħor dak il-ħin bil-"boiler suit" ma hijiex attendibbli, (a) għaliex......;

Kwantu għax-xorta tal-attijiet kommessi mill-appel-

lant, it-tifla, fix-xhieda tagħha, semmiet li "with his tongue he licked my tongue"; u semmiet ukoll "he must have done something else to me". Semmiet "something rude", però ma ftakretx x'kienet;

Hu veru li omm it-tifla, fix-xhieda tagħha, qalet x'kienet din it-turpitudini l-oħra, kif kienet qaltilha t-tifla immedjatament wara l-fatt, iżda b'daqshekk il-Qorti ma tistgħax tikkolma dik il-lakuna; għaliex il-lanjanza li ssir f'dawn ir-reati sesswali mill-vittima mal-ewwel opportunità li jkollha hija "relevant not to prove the facts complained of, but, after proof of such facts, it is relevant in corroboration of the story of the prosecutrix and as evidence of the consistency of her conduct" (Harris & Wilshere, Crim. Law, paġ. 431, 1933 edit.; ara wkoll każijiet ċitati fil-Police Law ta' Moriarty, p. 65). Għalhekk ma tistgħax bix-xhieda tal-persuna li lilha s-suġġett passiv ikun għamel ir-rakkont, tiġi ntrodotta ċirkustanza ġdida, għaliex allura tispiċċa r-"ratio" tal-eċċezzjoni ammessa mid-dottrina, u jidħol f'lokha d-divjet tax-xhieda "de auditu";

Għalhekk, l-att libidinus għandu jitqies dak li t-tifla ddeskriviet bħala "with his tongue he licked my tongue", u dippjù xi ħaġa oħra mhux speċifikata li kienet "rude". Kif osservat l-Ewwel Qorti, l-ewwel att hu dak li volgarment jissejjaħ "bacio colombino" ossija "French kiss", li pjuttost, fuq tifla ta' sitt snin, f'dawk iċ-ċirkustanzi, jikkostitwixxi almenu attentat vjolent għall-pudur;

S'intendi, in-nuqqas ta' speċifikazzjoni tal-att "l-ieħor" ma jnaqqasx il-gravità tar-reat bħala reat ta' attentat vjolent għall-pudur;

Id-deduzzjoni tad-Difiża li l-Ewwel Qorti applikat ħażin l-aggravanti tal-età hi skorretta, għaliex il-proviso tal-art. 222 Kod. Krim. jagħmel riferenza għall-każijiet kollha tal-art. 216;

Ingħad mid-Difiża li ma nġiebetx l-aħjar prova tal-età tat-tifla, ċjoè l-att tat-twelid. Ma hemmx dubju li kien ikun aktar regolari kieku dan sar, iżda fiċ-ċirkustanzi partikulari ta' dan il-każ dan in-nuqqas ma jġibx għal nuqqas

ta' prova li t-tifla hi taħt l-età ta' disgħa snin għall-finijiet tal-art. 216. Infatti, omm it-tifla xehdet li bintha għandha sitt snin. Dan xehditu anki t-tifla. U l-Qorti setgħet tara, "de visu", li t-tifla żgur ma għandiex disgħa snin; u ngħad tajjeb li "it is impossible for judges, when trying cases, to shut their eyes to the ordinary course of nature". Fl-Ingilterra, f'ħafna każijiet, ġiet adottata r-regola li, meta l-età ta' "child" tkun apparentement dik allegata, dan hu biżżejjed sa prova in kuntrarja. Fil-każ in ispeċje, il-limiti hu ta' disgħa snin, u t-tifla tidher "ictu oculi" li hi ferm iżgħar minn dik l-età;

Kwantu għat-talba tad-Difiża, in subordine, biex jiġi applikat l-art. 23 Kod. Krim., din il-Qorti, kif presjeduta, kellha kemm il-darba l-okkażjoni tosserva, anki "obiter", u qegħdha tieħu din l-opportunità biex tirriafferma l-fehma tagħha li l-beneficċju tal-art. 23 ma għandux jingħata indiskriminatament, imma, kif tgħid il-liġi, "having regard to the nature and the circumstances of the offence"; u ċertament dan ifisser li, in linea ta' massima, u salvi xi każijiet eċċezzjonali difficilment prevedibbli, dak il-beneficċju għandu jingħata meta jkun hemm xi ċirkustanzi li, għalkemm ma jammontawx "stricto jure" għall-attenwanti jew dirimenti legali, eppure, taħt aspett ieħor, mhux legali, iżda "commiserationis causa", jistgħu talvolta jinduċu lill-Qorti li tittempera r-rigur tal-liġi. F'dan il-każ, difficilment wieħed jipperswadi ruħu li jikkonkorru ċirkustanzi simili fl-att ta' bniedem li jisfoga fuq tifla ta' sitt snin l-iskostumatezza sesswali tiegħu, b'perikolu li l-effett tal-att korruttiv jipperdura, kif osservat opportunament il-Qorti tal-Appell ta' Milan fit-30 ta' Lulju 1891 (Mon. Tib. 1891, 728), "col ricordo di tali atti", meta t-tifla tikber u takkwista maturità. Del resto, l-Ewwel Qorti diġa' applikat favur l-appellant l-art. 23A., u baxxiet il-piena taħt dak il-minimum li kien ikun diversament raġġunt bl-aggravanti tal-età tas-suġġett passiv;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.